# Id-Dokument Konsultattiv dwar l-Ilsien Malti fix-Xandir maħruġ mill-Awtorità tax-Xandir

**Is-Suġġerimenti ta' l-Akkademja tal-Malti**

F'laqgħa tal-Kunsill ta' l-Akkademja tal-Malti li saret apposta fil-Palazz tal-President nhar l-Erbgħa 16 ta' Mejju 2001 fil-5.30 p.m., il-membri ddiskutew id-dokument dwar l-Ilsien Malti fix-Xandir mibgħut minn Dr Kevin Aquilina, Chief Executive ta' l-Awtorità tax-Xandir (Ref. 73/01).

Is-suġġerimenti li ġew proposti hawn taħt għandhom jittieħdu fid-dawl ta' l-għanijiet ta' l-Akkademja tal-Malti (imwaqqfa fl-1920) u l-istruttura tagħha.

"L-Għanijiet ta' l-Akkademja tal-Malti huma dawn:

i. li tħares il-jeddijiet ta' l-ilsien Malti bħala lingwa nazzjonali u uffiċjali tar-Repubblika ta' Malta u tindokra l-iżvilupp tiegħu;

ii. li tkabbar u xxerred il-letteratura Maltija u l-istudju xjentifiku u lingwistiku ta' l-ilsien Malti;

iii. li żżomm sħiħa l-ortografija tal-Malti kif imwaqqfa mill-Għaqda tal-kittieba tal-Malti fl-1924, u fl-1934 magħżula mill-Gvern ta' Malta bħala l-ortografija uffiċjali tal-Malti: u li taġġornaha kif jixraq kull meta l-Akkademja jidrilha li dan jinħtieġ." (Statut, para.2.1)

Parti mill-istruttura eżistenti ta' l-Akkademja hija l-Kummissjoni Lingwa li tistudja l-ortografija, it-traduzzjoni, u l-użu tal-Malti ġenerali. Servizz ieħor li tista' toffri l-Akkademja huwa għażliet ta' xogħol letterarju.

**Is-suġġerimenti:**

1. L-Awtorità tax-Xandir torbot lix-xandara kollha li jsegwu r-regoli u d-direttivi li toħroġ l-Akkademja tal-Malti. Il-bidu ta' din il-ħidma għandha tkun l-obbligu ta' l-użu tal-fonts bil-Malti: kulmin ixandar xi messaġġ bil-Malti għandu jinqeda bl-alfabett Malti. Min għad m'għandux il-fonts bil-Malti (li fis-seklu XXI hija redikola) għandu jinstallahom minnufih. Infakkru li dawn jistgħu jitniżżlu minn xi *web page*. L-Akkademja tal-Malti diġa' ħarġet ir-*Regoli tal-Kitba tal-Malti* (Klabb Kotba Maltin, 1998), li huma ġabra ta' regoli fundamentali mfissra b'mod ħafif li l-istudenti ta' l-iskola sekondarja u l-pubbliku ġenerali kapaċi jlaħħqu magħhom mingħajr għajnuna. Dan il-ktieb għandu jkun f'idejn ix-xandara kollha. Minn żmien għal żmien ukoll l- Awtorità tax-Xandir tista' titlob lill-Akkademja tagħtiha linji gwida aġġornati fuq il-Malti mitkellem u miktub. Forsi din l-aħħar idea tista' titwettaq billi l- Awtorità tax-Xandir iżomm servizz ta' telefon miftuħ bla ħlas għall-pubbliku biex dan jagħti l-ideat tiegħu fuq il-lingwa li mbagħad jitressqu quddiem l-Akkademja tal-Malti għall-verżjoni tagħha.
2. L-Awtorità tax-Xandir tara li jkun hemm konsulent espert tal-Malti (jekk jista' jkun *full-timer*) f'kull istituzzjoni li twassal ix-xandir lill-pubbliku. Dan il-konsulent irid ikun ikkwalifikat xieraq fl-istudji tal-Malti (kemm lingwistiċi u kemm letterarji). Il-konsulenti ta' kull istituzzjoni għandu jkollhom laqgħat spissi u regulari (taħt il-ħarsien ta' l-Akkademja) biex tinżamm standardizzazzjoni xierqa.
3. Jekk it-tieni suġġeriment ma jsirx, l-Awtorità tax-Xandir tikkonsulta b'mod regolari u formali ma' l-Akkademja tal-Malti kulmeta jkun hemm il-bżonn ta' xi deċiżjoni fuq aspetti tal-Malti mitkellem u miktub (eż. termini ġodda, użu ta' Malti korrett, ortografija). Jekk, mill-banda l-oħra, it-tieni suġġeriment isir l-Awtorità tax-Xandir xorta għandha tiltaqa' ma' l-Akkademja tal-Malti regolarment biex taċċerta ruħha li kollox ikun miexi sew.
4. Jekk it-tieni suġġeriment ma jsirx, l-Awtorità tax-Xandir tobbliga lil kull istituzzjoni tax-xandir li taħtar persuna kkwalifikata fil-Malti sabiex tagħmel xogħol ta' *monitoring* tal-programmi ta' l-istazzjon tagħha. Din il-persuna, ikkwalifikata kif imsemmi fit-tieni suġġeriment, għandha tikkonsulta ma' l-Akkademja tal-Malti. Jekk it-tieni suġġeriment isir, allura x-xogħol ta' *monitoring* għandu jkun parti mid-dmirijiet tal-konsulent espert.
5. L- Awtorità tax-Xandir tieħu ħsieb li l-għażla ta' xandara ġodda tkun b'eżami f'kull aspett tal-lingwa skond il-kriterji ta' l-Akkademja
6. L- Awtorità tax-Xandir tieħu ħsieb lix-xandara eżistenti billi torganizzalhom attivitajiet ta' taħriġ li jgħallimhom u jaġġornahom. Dan it-taħriġ għandu jieħu għamla ta' (a) korsijiet intensivi fil-lingwa (l-Akkademja tal-Malti lesta li toffri dettalji fuq dawn) - forsi l-Awtorità tax-Xandir tista' tara li jitjieb il-kors tal-Komunikazzjoni fl-Università; u (b) seminars li jkunu perjodikament biex jaġġornawhom (il-materjal tas-seminars jiġi stampat wara ħalli kull seminar jibni fuq ta' qablu). Il-proċess ta' tagħlim għax-xandar għandu jkun wieħed kontinwu u ma jieqaf qatt; għalhekk ukoll naħsbu li x-xandara għandhom ikunu mħallsa tajjeb ħafna sabiex il-livelli ta' professjoniżmu li nixtieqů fil-lingwa (i.e. livell ta' speċjalizzazzjoni għax il-lingwa hija l-għodda essenzjali għax-xandar) jintlaħaq bil-qalb.
7. L-Awtorità tax-Xandir, bħala inċentiv, għandha toħloq premju għall-aħjar kitba bil-Malti fix-xandir.
8. L- Awtorità tax-Xandir għandha tinsisti, fejn jidħlu riklami bil-Malti li l-lingwa tkun tajba. Għal dan il-għan tista' tissuġġerixxi li l-aġenziji tar-riklamar ikollhom il-konsulent espert fil-Malti li jimxi mar-regoli ta' l-Akkademja.